**34. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Ġustizzja, l-Onor. Guido de Marco, jipproponi:**

Billi b'riżoluzzjoni tas-Seduta Nru 310 tas-7 ta' Awissu, 1979, il-Kamra tad-Deputati approvat għotja b'kiri ta' huts f'Ħal Luqa lin-nies tas-sengħa li japplikaw għalihom;

U billi b'diversi riżoluzzjonijiet il-Kamra tad-Deputati ġeddedt l-imsemmija Riżoluzzjoni tas-7 ta' Novembru, 1987;

U billi skont il-paragrafu (b) tas-subartiklu (2) tal-artiklu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati mgħoddija għall-finijiet tal-paragrafu (c) tas-subartiklu (1) tal-artiklu fuq imsemmi, tibqa' sseħħ għal żmien tliet xhur mid-data li tgħaddi, iżda tista' tiġġedded b'riżoluzzjoni oħra li ssir wara, għall-perjodu ieħor ta' tliet xhur jew għal dak il-perjodu l-ieħor li jista' jiġi speċifikat.

Għalhekk huwa b'dan riżolut li r-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati fuq imsemmija tas-7 ta' Awissu, 1979, terġa' tiġġedded mit-8 ta' Novembru, 1987 sas-7 ta' Novembru, 1990.

30.10.87